# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-31 ta' Mejju 2021

**Rik. Div. Nru : 351/2020 JPG**

**Kawza Nru : 2**

**AA**

**U**

**SZ**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' AA u SZ, datat 12 ta' Ottubru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewgu nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999);*

2. *Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;*

3. *Illi l-partijiet ilhom separati minn xulxin de facto ghal iktar minn erba' (4) snin u de jure mis-sena elfejn u sbatax (2017) b'kuntratt redatt minn Nutar Dr. Maria Spiteri datat nhar l-ghaxra t'Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017), kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala dok 'A';*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli, jew remot ghar-rikonciljazzjoni bejniethom peress li ilhom snin twal mifruda, u barra minnhekk illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi l-esponenti ddekadew mid-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minn xulxin;*

6. *Illi dawn il-fatti kif premessi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kaapitola 16 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlobu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;*

1. *Tiddikjara iz-zwieg bejn AA u SZ, iccelebrat nhar id-disa' u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat mill-istess Qorti jinnotifika lid-Direttur fir-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll li jaghmel id-debita korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-Nota kongunta tal-partijiet datata 22 ta' April 2021 (vide fol 20);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AA** xehed (vide affidavit fol 15) illi huwa u SZ izzewgu nhar id-29 ta' Mejju, 1999 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw legalment nhar l-10 ta' Awwissu 2017 permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Maria Spiteri (vide kuntratt a fol 3 et seqq. tal-process). L-attur zied jghid illi qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejniet il-partijiet kif ukoll lanqas ma hemm ebda tama tal-istess stante li llum jghixu hajja separata minn xulxin. Di

piu' huwa ddikjara li bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm manteniment dovut.

**SZ** xehdet (vide affidavit fol 16) u kkollaborat u kkonfermat dak li xehed AA.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Mejju 1999, liema zwieg jgib certifikat numru 776/99 (Vide certifikat taz-zwieg a fol 10). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Spiteri, nhar il-10 ta' Awwissu 2017 (vide Dok B, kuntratt tas-separazzjoni fol 3 et seqq.). Di piu', mill-atti u dikjarazzjonijiet tal-partijiet jinsab sodisfacentement pprovat illi l-kontendenti ilhom separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 776/99 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjez jigu divizi bejn bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**